MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 12/2012

**BONNICI BROTHERS LIMITED (C3095), ZRAR LIMITED (C6245), C&F BUILDING CONTRACTORS LIMITED (C15308) u SCHEMBRI INFRASTRUCTURES LIMITED (C17388) proprio u bhala membri tal-ACJV Consortium.**

**Vs**

**DIRETTUR TAL-KUNTRATTI**

Il-Qorti,

Rat il-lodo arbitrali moghtija mit-Tribunal tal-Arbitragg fis-06 ta' Frar 2012 fejn gie deciz:-

*"It-Tribunal*

*Illi permezz ta' avviz ta' arbitragg li gie ntavolat fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg nhar it-3 ta' Frar tas-sena 2010, is-socjetajiet Bonnici Brothers Limited, Zrar Limited, C&F Building Contractors Limited u Schembri Infrastructures Limited proprio u bhala membri tal-ACJV consortium – minn*

*hawn il-quddiem maghrufa bhala r-rikorrenti jew inkella l-consortium rikorrenti – harrku lid-Direttur tal-Kuntratti - minn hawn il-quddiem maghruf bhala l-intimat – f'din l-istanza u permezz ta' l-istess avviz talbu l-hlas tas-somma ta' hames mija u sitta u hamsin elf sitt mija u hamsa u erbghin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€556,645.47) rapprezentanti spejjez addizzjonali inkorsi fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt li jgib in-numru CT2671/2004 maghruf bhala "Reconstruction and Upgrading of Hal Far Road, Phase III, generally from junction WA26, roundabout Peace Lab (junction excluded) to SA27, Freeport Terminal", iffirmat fit-12 ta' Ottubru 2005 u dan oltre imghaxijiet, spejjez tal-procedura u drittijiet tal-avukati.*

*Ghaldaqstant, mill assjem tal-provi migbura, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-intimat Direttur tal-Kuntratti jhallas lill-rikorrenti Bonnici Brothers Limited, Zrar Limited, C&F Contractors Limited u Schembri Infrastructures Limited proprio u bhala membri tal-ACJV consortium is-somma ta' erba' mija u tmienja u sittin elf sitt mija u hdax il-Euro u tmintax il-centezmu (€468.611.18) u cioe:*

1. *is-somma ta' €261,478.10 fir-rigward taz-zieda fil-prezzjijiet tal-materjal, oltre taxxa fuq il-valur Mizjud ghat-total ta' tlett elef u tmienja hames mija u erba' u erbghin Euro u ghoxrin centezmu (€308,544.20);*

2. *is-somma ta' €69,677.85 kif ridotta mis-somma mitluba ta' €73,185.19 fir-rigward ta' l-ispejjez inkorsi fir-rigward tat-thaffif fl-esekuzzjoni, oltre taxxa fuq il-valur mizjud ghal total ta' tnejn u tmenin elf mitejn u dsatax il-Euro u sitta u tmenin centezmu (€82,219.86);*

3. *is-somma ta' €98,203.47 kif ridotta mis-somma mitluba ta' €104.216.59 fir-rigward ta' imghaxijiet ghal hlasijiet tardivi;*

4. *is-somma ta' €69.251.76 kif ridotta mis-somma mitluba ta' €57,282.30 fir-rigward ta' xoghol li dwaru rati ma gewx maqbula, olte taxxa fuq il-valur mizjud ghal-total ta' sitta u erbghin elf tlett mija u sbatax il-Euro u tmien centezmi (€46,317.08)*

*Bl-imghaxijiet ulterjuri kalkolabbli mit-18 ta' Jannar 2010 ai termini tal-Artikoli 39.2 tal-kuntratt.*

*L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mill-intimat Direttur tal-Kuntratti.*

*Moghtija fic-centru ta' l-Arbitragg ta' Malta, Valletta illum 6 ta' Frar 2012"*

Illi l-appellanti Direttur tal-Kuntratti aggravat b'dan il-lodo arbitrali ressaq appell minnu abbazi tas-segwenti aggravvji:

1. illi fir-rigward tat-talba attrici dwar kumpens minhabba fiz-zieda fil-prezzijiet tal-*bitumen, thin fueloil, heating oil, hydraulic* u *lubricating oil* u *cement,* id-Direttur appellat jilmenta illi l-ispluzzjoni fil-prezzijiet ta' din il-materja prima ma tistax tigi ikklassifikata bhala kaz ta' forza magguri, kif erronjament ikkonkluda it-Tribunal. Dan ir-ragunament imur kontra id-dettami ta'l-artikolu 992(1) u 993 tal-Kodici Civili li ifassal il-principju legali tal-*pacta sunt servanda* fejn il-kuntratt tax-xogholijiet mertu tal-kaz kien wiehed bi prezz fiss fejn il-partijiet intrabtu dwar il-hlas kif miftiehem li allura ma setax jigi varjat taht l-ebda cirkostanza. Id-decizjoni tat-Tribunal tivvjola ukoll dak stabbilit fir-regolamenti 72 u 77 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici kif kienu vigenti fiz-zmien tal-ezekuzzjoni tal-kuntratt fejn hemm stabbilit illi wara li issir l-aggudikazzjoni tal-kuntratt meta taghlaq is-sejha ghall-offerti, l-awtorita kontraenti ma tistax temenda jew tbiddel dak il-kuntratt jekk l-istess ikunu joholqu bidla materjali fl-imsemmi ftehim jew jikkostitwixxu ghotja gdida, hlief permezz tal-procedura indikata fir-regolament 72 fejn hemm imfassal 'l hekk imsejjha 'procedura negozjata'.

2. illi fir-rigward tat-talba ghal kumpens minhabba spejjez zejda inkorsi mil-konsorzju appellat u dan ghar-raguni illi x-xoghol kellu jithaffef fuq rikjesta tal-awtorita kontraenti, id-Direttur appellanti jishaq illi meta d-decizjoni impunjata akkordat l-ammont mitlub, hija kienet qed tikser id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti 72 u 77 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici kif applikabbli fl-2007, apparti vjolazzjoni ta' dak dispost fl-artikolu 992 tal-Kodici Civili. Illi t-talba lanqas ma hija wahda gustifikata billi l-ispejjez inkorsi fil-perijodu taz-zmien sakemm tlestew ix-xogholijiet u dana sabiex ix-xoghol jitlesta qabel iz-zmien miftiehem,

gew iffrankati mill-konsorzju appellata wara, u dana billi gjaldarba ix-xoghol tlesta qabel iz-zmien stipulat ma kienx hemm ghalfejn isiru spejjez ghal perijodu wara li tlesta dan ix-xoghol. Illi inoltre ghalkemm kienet saret talba minn naha tal-Ministeru u tal-Awtorita dwar it-Trasport sabiex ix-xoghol jitlesta qabel iz-zmien miftiehem u dana sabiex ma jintilfux fondi allokati ghal dan l-iskop mill-Unjoni Ewropeja, dan ma kienx ifisser illi kien hemm approvazzjoni tacita ghal xi hlasijiet zejda sabiex dan ikun possibbli. Illi di piu' il-konsorzju appellat naqas meta ma ressaqx it-talba tieghu qabel u mhux wara li tlestew ix-xogholijiet kollha u dan bi ksur tal-artikolu 41 tal-kuntratt tal-appalt. Illi gjaldarba ghalhekk it-talba kienet wahda tardiva u ma giex avzat is-*supervisor* tax-xogholijiet preventivament, kif hemm stipulat fil-kuntratt, kwindi it-talba kellha tigi rigettata. Finalment jinghad illi x-xorta tal-varjazzjoni pretiza mill-konsorzju appellat ma taqa' taht l-ebda wahda mill-kontingenzi specifikati fir-regolament 72 surriferit.

3. Illi fir-rigward tal-kap tad-decizjoni impunjata fejn giet akkolta it-talba tal-konsorzju appellat ghal hlas ta'l-ammont ta' €98,203.47 u dan bhala imghaxijiet minhabba hlasijiet tardivi, malament it-Tribunal ma qaghadx ghal kliem imfisser fl-artikolu 39 tal-kuntratt tax-xogholijiet u dan bi ksur ta' dak dispost fl-artikolu 1002 u 992 tal-Kodici Civili. Dan ghaliex il-konsorzju appellat ressaq it-talba tieghu ghal dan il-hlas 'il fuq minn xahrejn wara d-data meta il-pagament sar tardiv u dan kif stipulat fl-artikolu 39.2 tal-kuntratt.

4. Fl-ahharnett in-nullita tal-kap tad-decizjoni appellata indikata bhala Sezzjoni XXII dwar "ir-rati mhux maqbula" billi dan ma jissodisfax ir-rekwiziti ta' decizjoni motivata la taht l-artikolu 218 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas l-artikolu 31(2) tal-Kapitolu VI tal-Mudell ta' Ligi UNICTRAL fuq l-Arbitragg Kummercjali Internazzjonali li jinsab

fl-Ewwel Skeda mehmuza fil-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta’ Malta. It-Tribunal fid-decizjoni tieghu ma jaghti l-ebda hjiel ta’ raguni ghaliex huwa kien qieghed iqis ir-rati tal-awtorita kontraenti bhala mhux gustifikati u dan in konnessjoni ma’ xogholijiet addizjonali li ma kienux inkluzi fil-kuntratt tal-appalt. Fil-fatt it-Tribunal fil-*lodo* arbitrali la qabel mar-rati ta’ prezzijiet indikati mill-konsorzju appellat u lanqas mar-rati moghtija mill-appellant izda qabad u iddecieda minghajr ma iforni l-ebda spjegazzjoni li r-rati gusti kienu xort’ohra.

Illi preliminarjament il-konsorzju appellat jissolleva l-pregudizzjali dwar in-nullita tal-aggravvji li jikkoncernaw il-punti ta’ dritt li t-Tribunal ma giex imsejjah biex jiddeciedi dwarhom u li ma strahx fuqhom fil-*lodo* tieghu. Dana billi appell minn decizjoni arbitrali hija cirkoskritta f’dak dispost fl-artikolu 70A(3) tal-Att dwar l-Arbitragg. Billi ghalhekk it-Tribunal ma giex imsejjah mid-Direttur appellanti biex jiddeciedi fuq ir-regolamenti 72 u 77 tar-Regolament dwar il-Kuntratti Pubblici, liema disposizzjonijiet regolamentari huwa lanqas biss strah fuqhom fid-decide tieghu, kwindi kull aggravvju ippermjat fuq dawn ir-regolamenti huwa insostenibbli.

Illi jigi rilevat qabel kull konsiderazzjoni ohra illi decizjoni arbitrali tista tigi impunjata fil-limiti stretti ta’l-artikolu 70A(1) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta’ Malta, jigifieri “fuq punt ta’ ligi li jitnissel minn decizjoni finali maghmula fil-procedimenti.” In vista tal-pregudizzjali imqanqla mill-konsorzju appellat, il-Qorti ghandha allura tivverifika jekk il-kontestazzjoni formulata mill-appellanti fejn din tikkoncerna l-ksur tar-regolamenti 72 u 77 tar-regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici, applikabbli fiz-zmien tal-ezekuzzjoni tal-kuntratt, tikkorrispondiex ezattament ghal kaz ta’ impunjattiva skond kif stabbilit fil-ligi. Illi di piu’ id-dettam ta’l-artikolu 70B(1) jipprovdi illi meta jsir appell taht l-artikolu 70A, l-appellanti ghandu jidentifika l-punt ta’ ligi li ghandha tittiehed

id-decizjoni fuqu u ghandu jispecifika t-tifsira li r-rikorrenti jallega li hi it-tifsira korretta tal-punt ta' ligi identifikat.

**"Jikkonsegwi minn dan illi hu dejjem necessarju li mill-att ta' l-appell jirrizulta liema hi n-norma vjolata ossija l-principju tad-dritt li l-appellanti jippretendi li gie lez. Li jfisser illi min jimpunja d-decizjoni ghandu jispecifika, fil-konkret, il-punt tal-ligi vjolat, u in aggunta igib in riljev il-punt u l-mod fejn l-Arbitru ddiskosta ruhu minnu. Irid jizdied illi mhix sufficjenti s-semplici kritika tad-decizjoni sfavorevoli formulata bi prospettazzjoni ta' interpretazzjoni diversa u aktar favorevoli minn dik adottata mill-Arbitru. Dan, ghaliex kritika f' din id-direzzjoni ma tistax hlief titraduci ruhha, in sostanza, ghal talba ta' l-accertament *ex novo* tal-fatti tal-kaz u dan, kif gja rilevat, hu inammissibbli;**

**Premess dan, …. irid jinghad illi minn qari akkurat ta' l-imsemmi Artikolu 70B (1), ma jidherx li hu indispensabbli illi l-impunjattiva trid bilfors tikkontjeni indikazzjoni specifika ta' xi artikolu tal-ligi li jinghad li gie vjolat. Jibbasta li jigi pprecizat l-punt tal-ligi estratt mis-sentenza attakkata u li tinghata t-tifsira korretta dwaru.[1]"**

Issa minn qari akkurat ta' l-atti arbitrali kif ukoll tal-*lodo* impunjat ma jidhirx illi t-Tribunal inoltra ruhu f'ezami dwar ksur o meno tar-regolamenti indikati mid-Direttur appellanti fl-appell minnu intavolat. Inoltre lanqas fl-eccezzjonijiet minnu imressqa ghat-talba tal-konsorzju appellat ma jidher illi f'xi hin giet sollevata difiza f'dan is-sens. Fil-fatt il-Qorti tosserva, in tema, illi d-Direttur appellanti fl-appell minnu intavolat jitbieghed kemmxejn mill-eccezzjonijiet sollevati fis-sens illi ghalkemm *in primis* huwa kien qed jikkontesta il-fatti kif esposti mill-konsorzju fit-talbiet taghhom, issa fi stadju ta' appell hemm akkwixxenza ghal dawn il-fatti, izda issir oggezzjoni ghall-akkoljiment taghhom u dana fuq principji ta' dritt li ma gewx sollevati inizjalment minnu. Per ezempju, ghalkemm quddiem it-Tribunal id-Direttur kien qieghed jikkontesta bhala fatt illi kienet saret talba ghall-accellerazzjoni tax-xogholijiet

[1] App.Inf. 14/03/2007 Maryanne Sciclunna vs Dr. Daniela Chetcuti

u fil-fatt it-Tribunal dahal *funditus* fl-apprezzament maghmul ta’ dan il-fatt, fi stadju ta’ appell id-Direttur ma jikkontestax bhala fatt illi tali talba kienet saret mill-Ministeru u l-Awtorita dwar it-Trasport. Ukoll fir-rigward tat-talba ghall-imghaxijiet minhabba hlasijiet tardivi, jidher illi d-Direttur issa quddiem din il-Qorti ma huwiex qieghed jikkontesta illi kien hemm pagamenti oltre it-terminu miftiehem fil-kuntratt, izda jikkontesta illi it-talba ghall-istess ma saritx mill-konsorzju fit-terminu miftiehem ta’ xahrejn minn meta ikun gie ipprezentat il-kont. Fil-fatt fir-risposta ipprezentata minnu lanqas giet sollevata eccezzjoni in konnessjoni mal-hlas ta’l-imghaxijiet, kif anke irrileva it-Tribunal fid-decizjoni tieghu, izda fil-kors tal-gbir tal-provi kien hemm cahda illi l-pagamenti kienu tardivi.

Illi hija linja gurisprudenzjali kostanti illi din il-Qorti bhala qorti ta’ revizjoni hija prekluza milli tezamina eccezzjonijiet jew provi li ma gewx moghtija in prim’istanza. Dan apparti il-limitazzjoni imposta bil-ligi specjali li tirregola l-proceduri arbitrali hawn fuq riferiti.

Kwindi l-pregudizzjali tal-konsorzju appellat tisthoqq akkoljiment u dana fejn l-impunjattiva tikkoncerna l-applikazzjoni tar-regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici, izda il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-aggravvji *serjatim* xortawahda sabiex ikun jista’ jigi identifikat ahjar fejn l-istess huma insostenibbli.

Illi fl-ewwel lok id-Direttur appellat jilmenta illi it-Tribunal fid-decizjoni tieghu ghamel interpretazzjoni zbaljata ta’ dak li jikkostitwixxi forza magguri u dana meta wasal sabiex akkolja it-talba tal-konsorzju ghal hlas addizjonali minhabba zieda fil-prezzijiet tal-materja prima. Jishaq illi it-Tribunal applika hazin il-principji ta’ dritt stabbiliti fl-artikoli 992 u 993 tal-Kodici Civili kif ukoll tar-regolamenti 72 u 77 tal-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici fil-*lodo* tieghu. Illi t-Tribunal fid-decizjoni tieghu jezamina il-principji legali li jiggustifikaw it-

talba ghal hlas zejjed minhabba awment fil-prezzijiet taz-zejt u dana bi vjolazzjoni ta' dak miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt ta'l-appalt u specifikatament fil-klawsola 35.1 tal-kuntratt fejn gie miftiehem illi l-kuntratt kellu ikun wiehed bi prezz fiss. Dan jaghmlu billi japplika l-principji dottrinali stabbiliti f'decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni Direttur tal-Kuntratti vs Office Electronics Limited, liema sentenza kienet titratta talba ghal hlas ta' danni minaba inadempjenza kontrattwali u ma kellha l-ebda analogija mal-fatti tal-kaz in dizamina. Il-principji legali li sawwru dan il-gudikat kwindi kienu l-artikoli 1132 sa 1135 tal-Kodici Civili u mhux il-principju tal-*pacta sunt servanda* stabbilit fl-artikolu 992 u 993 bhal fil-kaz in dizamina. Illi dak il-kaz kien jitratta talba ghad-danni meta l-indampjenza kienet dovuta ghal forza magguri, liema forza magguri kienet titratta awment fil-prezzijiet tal-oggett tal-kuntratt, tant illi d-debitur gie fl-impossibilita li jonera l-obbligazzjonijiet kontrattwali minnu assunti. Illi it-Tribunal b'analogija allura hass illi kellu japplika l-istess massima legali ghal dan il-kaz billi dehrlu illi l-awment fil-prezzijiet matul il-kors ta'l-ezekuzzjoni tal-kuntratt jistghu jiggustifikaw talba ghall-awment fil-prezz tal-kuntratt meta dan ma giex espressament miftiehem. Illi bir-rispett kollu din il-Qorti ma tistax tara l-analogija bejn il-principji ta' dritt f'dawn iz-zewg kazijiet billi fil-kaz indizamina l-kuntratt gie ezegwiet fl-intier tieghu u dana minghajr ma giet imressqa prova wahda ta' xi telf subit mill-konsorzju appellat. Il-Qorti allura hija tal-fehma illi t-Tribunal malament ghadda ghad-decizjoni tieghu billi applika il-principji legali li sawwru d-decizjoni surriferita li kienet iddur fuq in-nuqqas ta' responsabbilta tal-parti kontraenti milli tonora l-obbligazzjoni kontrattwali taghha minhabba ostakolu derivanti minn kawza esterna li ma kienx imputabbli ghalih la direttament u lanqas indirettament. F'dan il-kaz kien hemm kuntratt definit bejn il-partijiet fejn gie specifikatament pattwit il-prezz ghax-xogholijiet intraprizi u ic-cirkostanzi fejn setghet tintalab varjazzjoni fil-prezz. Tant hu hekk illi l-kazijiet ta' forza magguri gew ukoll specifikatament

miftiehma u dana fil-kalwsola numru 50.2 tal-ftehim. Kwindi it-Tribunal kien prekluz milli jaghti tifsira li tmur oltre dak pattwit ta' dak li kellu jikkostitwixxi event ta' forza magguri. Illi l-Qorti tara illi allura it-Tribunal kellu jaghti gustifikazzjoni ibbazata fuq principji legali sostenibbli 'il ghala kellu jiddipartixxi mill-applikazzjoni tal-massima legali tal-*pacta sunt servanda* billi huwa principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti illi il-vinkolu kuntrattwali ghandu jigi rispettat billi huwa ligi bejn il-partijiet u kwindi hija dik il-volonta tal-kontraenti li ghandha tipprevali u tigi osservata[2].

Illi l-konsorzju appellat jishaq madanakollu illi l-qrati taghna dejjem tbieghdu minn dan il-prinicpju ta' dritt f'kuntratti ta' appalt fejn gie applikat il-principju o*mnia labor optat premium* u cioe' illi min jippresta servizzi ghandu dritt ikun ikkumpensat ghax-xoghol li jaghmel u ticita gurisprudenza fejn gie applikat dan il-principji. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa dak affermat fis-sentenza iccitata, izda ma tarax illi l-istess issib applikazzjoni ghal dan il-kaz billi f'dak il-kaz il-kontestazzjoni kienet dwar xoghol zejjed u il-konsegwenjzali spejjez zejda inkorsi mill-appaltat, liema xogholijiet ma kienux gew miftiehma fil-kuntratt originali. Illi allura bir-ragun il-Qorti ta'l-Appell kif kolleggjalment komposta wasslet ghall-applikazzjoni tal-principju legali imqanqal mill-konsorzju appellat billi il-kontraenti kienu tbieghdu minn dak pattwit bejniethom fil-kuntratt ta'l-appalt. Mhux hekk sehh f'dan il-kaz. Illi il-kuntratt ta'l-appalt kien wiehed bi prezz fiss[3]. Illi dak li kellu jikkostitwixxi forza magguri ukoll gie pattwit bejn il-partijiet, liema klawsola ma kenitx tinkludi iz-zieda fil-prezzijiet tal-materja prima. Illi l-kontraenti ma inkludew l-ebda patt jew kundizzjoni jekk tinsorgi din l-evenjenza, xejn imprevedibbli fil-fehma tal-Qorti, dwar l-awment fil-prezz taz-zejt. Illi ghalkemm gie stabbilit illi l-awment f'dan il-kaz kien wiehed

---

[2] Ara App.Sup. Gloria Beacom et vs AIC Anthony Spiteri Staines deciza 5/10/1998, Salvu Fenech vs Malta Dairy Products PA 30/10/2003

[3] Artikolu 35.1 tal-kuntratt

fenomenali, madanakollu tali evenjenza kienet wahda prevedibbli, anke jekk mhux biz-zieda fenomenali kif sehhet, u kwindi l-partijiet setghu fácilment jikkonvjenu fuq din ic-cirkostanza, haga li ma ghamlux. Illi allura gjaldarba il-konsorzju appellat tefa' l-offerta tieghu sabiex jigi aggudikat it-*tender* ghal-kostruzzjoni tat-triq f'Hal Far, naqas milli jiehu in konsiderazzjoni l-awment fil-prezzijiet tal-materja prima u ghalhekk assigura kuntratt, li kien jinvolvi miljuni ta' ewro, ghal prezz fiss, kif pattwit, ma jistax issa jikser dak il-ftehim biex jitlob hlas ulterjuri minn ghand d-Direttur appellanti, tenut kont tal-fatt inoltre, illi l-awtorita kontraenti ma kenitx tahti bl-ebda mod ghal din iz-zieda fl-ispejjez inkorsi. Ghal dawn il-motivi il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel aggravvju imressaq mid-Direttur appellat jisthoqqlu akkoljiment.

Illi fit-tieni aggravvju tieghu, id-Direttur appellat jikkontendi illi it-talba ghal-hlas zejjed minhabba spejjez inkorsi meta il-konsorzju gie mitlub ihaffef ix-xogholijiet sabiex ma jintiflux fondi moghtija mill-Unjoni Ewropeja hija wahda ingustifikata. Illi fil-lanjanza imressqa minnu in konnessjoni ma' dan il-kap tad-decizjoni madanakollu, id-Direttur appellanti jistrieh fuq argumentazzjonijiet li ma gewx sollevati quddiem it-Tribunal. Fl-ewwel lok, jigi rilevat, kif diga gie puntwalizzat iktar 'il fuq, illi in prim'istanza, kuntrarjament ghal dak sottomess f'dan l-stadju ta' appell, id-Direttur kien qed jikkontesta l-fatt illi kien hemm talba mill-awtorita kontraenti sabiex jithaffu ix-xogholijiet. Dan il-fatt ma jidhirx illi qed jigi ikkontestat issa, izda qed jigu sollevati argumentazzjonijiet ta' dritt ibbazati fuq l-applikazzjoni tar-regolamenti 72 u 77 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici u l-applikazzjoni ta'l-artikolu 992 tal-Kodici Civili li ma gewx sollevati quddiem it-Tribunal. Kwindi dina l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta'l-istess u dan fid-dawl ta' dak hawn fuq deciz. Illi l-Qorti madanakollu thoss illi ghandha tirrileva illi ma hemmx dubbju illi f'dan il-kaz l-awtorita kontarenti kienet qed tvarja unilateralment il-ftehim milhuq bejn il-kontraenti ghar-rigward ta' dak pattwit in konnessjoni mat-terminu stabbilit

ghad-durata tax-xogholijiet. Ma jistax issa allura jezigi illi t-Tribunal, u issa din il-Qorti, izzomm lill-kontraenti marbuta mal-kundizzjonijiet pattwiti bejniethom fil-kuntratt ta'l-appalt. Dan meta tishaq illi l-appellati ma ghandhomx dritt ghal dan il-hlas zejjed minhabba illi ma avzawx il-*project supervisor* fi zmien hmistax-il jum mill-gurnata li gew inkorsi l-ispejjez addizjonali. Fuq kollox mill-provi akkwiziti jidher illi l-awtorita kontraenti kienet ben infurmata tramite il-*project supervisor* taghha x'kien il-*quantum* ta' dawn l-ispejjez u dan billi l-istess kien obbligat ai termini tal-artikolu 27.1 tal-kuntratt ta'l-appalt li izomm registru fejn jelenka in-numru ta' haddiema fuq il-lant tax-xoghol u l-ingenji li kienu qed jintuzawha. Illi di piu jirrizulta illi fi Frar 2006 il-konsorzju appellat kien avza lill-*Project Supervisor* ingaggat mill-awtorita kontraenti illi kienet ser issir talba ghal spejjez zejda inkorsi minhabba fit-talba maghmula minnha ghat-thaffif fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet. Illi maghdud dan, izda, l-aggravvju anke f'dan ir-rigward u cioe' fl-interpretazzjoni li kellha tinghata lill-klawsola numru 41 tal-kuntratt ta'l-appalt, ma hijiex appellabbli billi din ma iddurx madwar xi punt ta' dritt deciz mit-Tribunal, izda tikkoncerna biss l-interpretazzjoni moghtija lill-klawsola kontrattwali u dana fid-dawl ta'l-apprezzament tal-provi maghmula, haga li din il-Qorti f'dan l-istadju hija prekluza milli tissindika. Ghaldaqstant dan l-aggravvju qed jigi michud.

Illi l-istess jista' jinghad rigward it-tielet aggravvju marbut mal-kundanna ghal hlas ta' imghaxijiet minhabba f'pagament tardiv. Illi kif diga inghad iktar 'il fuq, minn ezami ta'l-atti probatorji johrog bl-iktar mod lampanti illi id-Direttur appellat ma ressaq l-ebda eccezzjoni in konnessjoni ma' din it-talba. Dan gie rilevat mit-Tribunal fil-*lodo* arbitrali meta gie deciz:

"Ghalhekk fin-nuqqas ta' eccezzjoni fis-sens illi t-talba tal-consortium rikorrenti ma kenitx tissodisfa d-dettami tal-kuntratt u fin-nuqqas ta' prova dwar sospenzjoni ta' pagamenti ai termini tal-kalwsola 32.4 tal-kuntratt ghandu jigi

prezunt illi t-talba tal-consortium rikorrenti kienet konformi u valida u ghalhekk il-hlas kien effettivament dovut."

Illi ghalhekk id-Direttur appellat ma jistax iressaq lanjanzi godda f'dan l-istadju illi t-talba ghall-imghaxijiet minn naha tal-konsorzju appellat saret tardivament u bi ksur ta'l-artikolu 39.2 tal-kuntratt, meta dina l-eccezzjoni ma gietx sollevata u deciza mit-Tribunal fid-decizjoni tieghu. Illi l-impunjattiva sollevata inoltre ma tikkonformax ruhha mad-dettami ta'l-artikolu 70A u 70B tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi ser tigi rigettata.

Finalment id-Direttur appellanti jilmenta illi id-decizjoni tat-Tribunal enumerata Sezzjoni XII intestata "Rati mhux Maqbula" hija nulla billi mhijiex motivata skont il-ligi. Dan ghaliex it-Tribunal jistrieh fuq rati decizi minnu u mhux fuq dawk imressqa 'il quddiem mill-partijiet u dana minghajr ma jaghti l-ebda raguni 'il ghala huwa iddipartixxa mill-wahda jew mill-ohra. Dan il-hlas kien jikkoncerna xogholijiet zejda li saru u li dwarhom ghalhekk ma kenitx giet maqbula l-ebda rata. Illi pertinenti ghal dan l-aggravvju huwa dak deciz minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta (Onor. Imhallef Philip Sciberras) fis-sentenza **Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd (C 2587) u Paul Debono ghall kull interess li jista' jkollu (deciza 20/11/2009):**

**Issa in tema legali, trattasi li hawnhekk qeghdin fil-presenza tal-figura guridika tal-*locatio operis*, ukoll jekk professjonali, ghal liema jirreferi l-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili, il-kriterju dominanti fil-komputazzjoni tal-korrispettiv, attiz l-assenza ta' konvenzjoni minn qabel bejn il-partijiet u l-inapplikazzjoni ghall-fattispeci tat-tariffi professjonali dettati mil-ligi jew mill-uzu, kien dak meqjus mill-Qorti skond ic-cirkostanzi (Artikolu 1624, Kodici Civili). Jinzel minn dan illi, kif ravvizat f'sentenzi ohra ta' din l-istess Qorti, lil gudikant hu moghti l-funzjoni ta' arbitratur, f'liema kaz dan mhux vinkolat minn xi parametri prefissi. Jikkonsegwi ghalhekk illi in linea ta' massima l-attenzjoni tal-gudikant ghandha ghad-determinazzjoni tal-korrispettiv tiffoka ruhha fuq "id-durata, il-kwantita`, il-kwalita` u kull element iehor pertinenti tal-prestazzjonijiet ezegwiti u tar-rizultat utli percepit minn min jikkommissjona x-xoghol**

**jew is-servizz professjonali. Ara "Nazzareno Zammit -vs-Anthony Desira", Appell Inferjuri, 7 ta' Frar, 2007"**

Minn dan jikkonsegwi allura illi t-Tribunal, bil-poteri moghtija lilu mhux biss mill-ligi, izda ukoll mill-partijiet fil-kuntratt ta'l-appalt fejn kien hemm qbil illi fin-nuqqas ta' ftehim huma kellhom jirreferu il-kaz lit-Tribunal ta'l-Arbitragg, kellu l-jedd *qua* arbitry li jiffissa ir-rati applikabbli skont l-uzu billi qies illi fic-cirkostanzi dawn kienu gusti u ragjonevoli. Dan tenut kont illi wiehed mill-arbitri huwa bniedem specjalizzat fil-linja tax-xoghol mertu tal-kaz. Ghal dawn il-motivi anke dan l-aggravvju ser jigi michud.

Ghal dawn il-motivi, prevja l-akkoljiment tal-ewwel aggravvju migjub 'il quddiem mid-Direttur appellat, il-Qorti qieghda tichad l-aggravvji l-ohra u fid-dawl ta'l-istess tichad it-talba tal-konsorzju appellat ghal kumpens minhabba z-zieda fil-prezz tal-materja prima, u tikkonferma il-lodo arbitrali ghal-kumplament. Ghaldaqstant tikkundanna lid-Direttur appellanti ihallas lill-konsorzju appellat is-somma ta' €226740.41, li jinkludi t-taxxa fuq il-valur mizjud kif ikkundannat ihallas id-Direttur appellanti fil-lodo arbitrali, bl-imghaxijiet dekoribbli kif deciz u cioe' mit-18 ta' Jannar 2010.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jinqassmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------